MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1382/2001/1

**Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet tal-assikurat taghha Raymond Hili u l-istess Raymond Hili**

**Vs**

**Awad Elbir**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi fis-7 ta' Novembru, 1999, fil-Qawra minhabba in-negligenza, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tieghu fil-waqt li kien

qed isuq il-vettura JAB 423 baqa' diehel fil-vettura CHA 217 ta' proprjeta' tal-attur Raymond Hili, assikurat mal-kumpanija attrici u allura misjuqa minn Charlo Hili u kkagunalha hsara ingenti b'mod li saret "beyond economical repair" u

Premess illi l-kumpanija attrici, bhala assikuratrici tal-vettura CHA 217, biex taghmel tajjeb ghad-danni kagonati mill-konvenut sborzat taht il-polza s-somma ta' hamest elef sitt mija u tlittax il-lra Maltin (Lm5,613) u l-attur bata minn butu bhala "policy excess" is-somma ta' mitejn hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm225) u ghalhekk id-danni totali kienu jilhqu s-somma ta' hamest elef tmin mija u tletin lira Maltin (Lm5,838) u

Premess illi l-konvenut gie interpellat b'ittra ufficjali tat-2 ta' Frar, 2001 biex ihallas dawn id-danni izda ghal ta' xejn.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Ghaliex m'ghandux jigi dikjarat u deciz minn din l-Onorabbli Qorti li l-konvenut huwa responsabbli ghall-imsemmija kollizjoni billi dina grat minhabba in-negligenza, imprudenza u nuqqas ta' osservanza ta' regolament da parti tieghu u ghalhekk responsabbli ghad-danni konsegwenzjali u

2. Ghaliex m'ghandux jigi konsegwentement kundannat li jhallas s-somma ta' hamest elef tmin mija tminja u tletin lira Maltin (Lm5,838) in linija ta' danni kwantu ghas-somma ta' hamest elef sitt mija u tlettax il-lira Maltin (Lm5,613) lill-kumpanija attrici bhala s-somma li sborzat taht il-polza u kwantu ghas-somma ta' mitejn hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm225) lill-attur bhala s-somma li bata minn butu.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Frar, 2001 u bl-imghax ta' 8% fis-sena mid-data tal-istess ittra ufficjali. Il-konvenut huwa imharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 13 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez billi l-incident in kwistjoni gara tort u htija ta' Charlo Hili, is-sewwieq tal-vettura numru CHA 217, u dana billi huwa kien qed isuq b' speed eccessiv hafna b'mod illi ma' setghax jikkontrolla l-vettura tieghu u b'hekk habat fil-vettura tal-konvenut, u dana kollu kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, d-danni pretizi mill-attur huma ghal kollox ezagerati, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**PROVI**

**Charlo Hili** xehed li kien qed isuq il-vettura CHA 217 minn Triq it-Turisti fejn l-Ghassa tal-Pulizija, ghad-dritt. Kien dalam. Giet karozza minn fuq il-lemin tieghu u laqtitu fuq quddiem fil-kantuniera tal-karozza , din daret u giet thares lejn ix-xellug. Il-vettura l-ohra bid-daqqa daret u giet thares fid-direzzjoni fejn kien sejjer hu. Qabel l-incident hu ma kienx ra dina l-karozza u lanqas id-dawl taghha. Hu ma kienx ghaddej b' speed qawwi hafna imma ma jiftakarx b'kemm kien ghaddej. Ma kienx qed isuq bis-sahha. Dak inhar kienet ix-xita. Hu ma zammx brake ghax il-karozza l-ohra ma rahiex gejja. Kien ghadu idur kantuniera qabel u ma setgha tella speed.

**P.S. 139 Ronald Azzopardi** xehed li kien investiga dana l-kaz, kellem lill-partijiet u dak li qalulu nizzlu fl-okkorrenza;

Charlo Hili kien qallu li “I was driving along Triq it-Turisti towards La Stalla and on crossing the road, car JAB 423 also crossed the road, from Triq il-Merluzz, consequently dashed on its left front side”

Il-konvenut qallu li “I was driving along Triq il Merluzz proceeding towards Incognito Rest. I stopped on the Stop sign and seeing none coming I started crossing the road when all of a sudden car No CHA 217 came from the left side and collided on my front left side. Through the impact I also dashed into car No LAK 259 which was parked near the Cape Inch.

Il-vetturi habtu front left ma front left. Fit-Triq il-Merluzz hemm Stop Sign. Brakemarks ma sabx. Ma jiftakarx li xi hadd semma speed. Il-cross road hi pjuttost wiesa.

**Il-konvenut** xehed li kien qed isuq il-karozza JAB 423 f’Triq il-Merluzz. Waqaf fuq l-istop. Hares fuq ix-xellug u fuq il-lemin, ra karozza n-naha l-ohra tat-triq wieqfa u kompla jsuq. Imbaghad giet karozza minn fuq ix-xellug tieghu bi speed qawwi u laqtitu fuq il-bieba tax-xellug u dawru u dahhlu fuq karozza wieqfa pparkjata. Il-karozza li dahlet fih ma kienx rah qabel gejja. Ra l-ewwel darba meta dahlet fih.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-konvenut mhux qed jghid li m’ghandux tort izda qed isostni li Hili ghandu jbati parti mir-responsabilita’ billi huwa kien qed isuq b’ speed eccessiv hafna b’mod illi ma’ setghax jikkontrolla l-vettura tieghu.

M’hemmx dubbju li Hili kien ‘main road user’ u minn fejn kien gej il-konvenut hemm ‘*stop sign’* u hemm ‘*stop sign’* ohra n-naha l-ohra tat-triq.

Il-konvenut jikkontendi li Hili kien main road abuser.

F’dan il-kuntest, jassumi mportanza determinanti l-istop sign fil-punt mnejn kien hiereg il-konvenut. Mhux biss ghaliex hu kjarament indikattiv lill-konvenut li kien se jirfes u jittraversa triq principali imma wkoll ghaliex jimponi fuq il-konvenut l-obbligu li jieqaf ihares biex jesplora t-triq principali u ma jazzardax jirfes fuqha jekk mhux qabel ma jkun accerta ruhu illi (a) ippermetta t-traffiku fuq it-triq principali li jghaddi u (b) li jkun jista’ jirfes fuq it-triq principali bla ma jtellef b’xi mod lill-utenti ta’ dik it-triq.

“*When coming from a side road into a main road, the driver or rider on vehicle should select such a moment as we allow him to enter the main road with safety. The Highway Code provides ‘Give way to traffic on the major road. At uncontrolled crossings, unless you have a clear view of the major road in both directions, stop before entering the major road’. If there is a sign requiring traffic to halt or go slowly before entering a main road from a side road, it is an offence to disobey the sign and evidence of negligence on the part of the driver*.” (The Law of Negligence, Charlesworth 2nd Edition, pages 82 et seq)

Minn naha l-ohra gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna li:

"Il-*main road user* ghandu wkoll l-obbligu li joqghod attent imma l-grad ta' diligenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-*side road user* ghax hu ma jkunx qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi ghad-dritt. " (Ara App.Civ. Mag.A.Stagno Navarra vs N.Saliba Vol XLV p1 p 389; Il-Pulizija vs G.Buttigieg et Vol XLV11 p4 p 1198; VOl XLV1 p1 p 112; Camilleri vs Dimech App Civ. 27.7.91; Portelli vs Spiteri PA/JSP 16/12/93;PA Gauci Maistre vs Galea 22.2.94 JSP).

"Il-fatt li s-*side road user* gie milqut meta kien ittraversa bicca sewwa mit-triq principali huwa rrilevanti" App.Krim. Pul vs C.Balzan 27.5.67 "Is-*side road user* irid jidhol gol-'main road' bla ma jiehu riskji li driver prudenti ma jiehux".

"*Side road user* ma' jistax johrog go *main road* bl-izgiccaturi". App.Krim Pul vs G.Gales Vol 37 p 1108 "Meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b'karozza dan irid jara li ma jkunx hemm traffiku, mhux biss meta jibda jaqsam imma anke sakemm jaqsam ghal kollox". App Civ. H.Farrugia vs R.Ripard. 15.2.74

Rigward il-principji rikonoxxuti fil-gurisprudenza "in civilibus" rigward l-effett ta' **velocita' ecessiv tal-'main road user'** fuq id-determinazzzjoni tar-responsabilita' tas-sinistru, gie kostantement ritenut illi waqt li l-velocita' eccessiv ghal dik regolamnetari, jekk tirrizulta pruvata, tesponi lid-driver ghall-proceduri kriminali kontra tieghu ghall-vjolazzjoni tar-regolamenti tas-sewqan appositi; tali velocita' eccessiva fiha nfisha ma tistax titqies a priori bhala fattur determinanti ghar-responsabilita' ghall-incident jew kontributorju ghalih. **Irid jigi stabbilit sodisfacentement illi l-velocita' eccessiva kienet l-element determinanti li pprovoka l-incident u li tista titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut**, jew li jkun kkontribwixxa b'mod relevanti ghall-aggravament tad-danni kagjonati mill-istess sinistru.

**Tikkunsidra**

Fil-kaz in ezami, l-kawza prossima, immedjata u unika ta' l-incident kienet il-mod inkonsult kif il-konvenut qabad u hareg minn wara s-"*stop sign*" bla ma ha l-prekawzjonijiet kollha li hu kien obbligat jiehu qabel ma johrog fuq it-triq principali li fiha Hili certament kellu ir-*"right of way"*. L-attur allura fil-konfront tal-konvenut ma kien jehtieglu jipprova xejn biex jiskolpa ruhu ghax hu kellu kull dritt jippretendi li l-karreggjata tieghu tkun ghal kollox hielsa mit-traffiku li ma kienx qed jigi bhalu misjuq fuq it-triq principali. (ghalhekk kien hemm stop signs fuq iz-zewg nahiet tat-triq). Hu zgur li, ghalkemm Hili kellu jkun konxju mill-possibilita' li jkun hemm xi traffiku jistenna biex johrog ghal fuq il-karreggjata tieghu mit-toroq laterali, hu ma kellu l-ebda obbligu li jcedi lil tali traffiku jew li jaghti attenzjoni partikolari ghalih. (Owen Azzopardi - vs - May Frances Borg PA 25/5/92).

Hu ta’ l-akbar rilevanza l-fatt li l-konvenut hareg minn wara *“Stop sign”.* Sinjal li jaghti ordni perentorju lis-sewwieq li jieqaf, u jieqaf zoptu warajh, halli jesplora t-triq u jaccerta ruhu qabel jibda johrog li ma kienx gej traffiku fit-triq principali u li allura setgha jaghmel it-traversata ta’ l-inkrocju bla periklu ghalih u ghal traffiku iehor. Il-provi juru li l-konvenut certament ma waqafx qabel hareg ghal fuq il-main road.

Il-konvenut jinsisti li waqaf. Imma anke kieku verament f’xi hin waqaf, certament ma harisx, jew jekk hares, ma harisx sewwa ghax kieku kien jara lill Hili gej, aktar u aktar billi kien dalam u setgha jara d-dawl ta’ karozza gej. Il-konvenut ma jallegax li Hili ma kellux dwal fil-karozza. Il-konvenut kellu hemm vizwali ghat tul fid-direzzjoni mnejn kien gej Hili. Kieku hares f’dik id-direzzjoni, l-konvenut kien jara l-vettura ta’ Hili li ma waqghetx mis-sema. Jekk il-konvenut ma rax il-vettura ta’ Hili sewwa qabel il-habta u sewwa qabel ma beda’ hiereg minn wara s-*”Stop Sign”,* dan ifisser li jew ma hares xejn, jew jekk hares, ma harisx sewwa. Aktar u aktar meta l-konvenut xehed li rah biss mad-daqqa u mhux qabel.

Iseqwi wkoll li l-vizwali li kellu l-konvenut kienet fit-tul u kien x’kien l-ispeed ta’ Hili (jekk kien hemm) hu necessarjament kellu jarah li kieku hares u hares sewwa. Jekk rah gej bi speed aktar u aktar ma kellux jaqsam. Imma l-konvenut rah biss mad-daqqa, ghalhekk ma jistax jghid b’kemm speed kien gej Hili. Hu ddeduca dana bid-daqqa li qala.

Il-konvenut allega speed da parti ta’ Hili li minhabba fih dan ma kellux kontroll fuq il-vettura. Mix-xhieda tas-Surgent jirrizulta li hu ma jiftakarx li xi hadd semma speed, u naturalment kieku issemma kien inizzilha fl-okkorrenza. Jirrizulta li d-daqqa kienet kbira billi Hili kien qed isuq fit-triq principali u f’daqqa jsib il-karozza tal-konvenut quddiemu tostakolalu t-triq u d-daqqa kienet frontali u l-impatt kien kollu fuq il-karozzi billi Hili lanqas biss kellu opportunita jibbrekja.

Minn dana kollu jirrizulta b’mod car li l-element determinanti li pprovoka l-incident u li jista’ titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut kien il-fatt li l-konvenut baqa’ hiereg minn triq laterali ghal fuq triq principali minn wara stop sign bla ma ha l-prekawzjonijiet kollha li hu kien obbligat jiehu qabel ma johrog fuq it-triq principali. Ma giex pruvat li kien hemm speed da parti ta’ Hili eccedenti r-regolamenti u lanqas li jekk kien hemm speed li setgha kien il-kawza determinanti ghall akkadut.

**DANNI**

Joseph Mula, claims handler mas socjeta attrici, kkonferma l-ammonti mitluba mill-atturi u li l-karozza kienet beyond economic repair. Il-konvenut jaqbel li kienet total loss.

Paul Barbieri xehed li huma (l-insurance) kienu gabru bhala *wreck value* Lm1,800. Dok AB2. Ipprezenta stima Dok AB1 kemm kienet tiswa l-karozza bhala gdida.

Fil-Qorti l-konvenut ma kkontestax l-ammonti mitluba mill-atturi.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi

Tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-imsemmija kollizjoni;

U tikkundannah li jhallas s-somma ta’ hamest elef tmin mija tminja u tletin lira Maltin (Lm5,838) in linija ta’ danni kwantu ghas-somma ta’ hamest elef sitt mija u tlettax il-lira Maltin (Lm5,613) lill-kumpanija attrici bhala s-somma li sborzat taht il-polza u kwantu ghas-somma ta’ mitejn hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm225) lill-attur bhala s-somma li bata minn butu.

Bl-imghax kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------